2. Illi l-kontendenti huma aħwa u għandhom tnejn u għoxrin minn erbgħa u ħamsin sehem (22/54) indiviż kull wieħed. Dan jagħmilhom sidien komplessivament ta' tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin sehem (22/27) indiviż tal-intier tal-proprjetà hawn deskritta, kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument B';

3. Illi r-rikorrenti għandhom tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin sehem (22/27) indiviż tal-intier tal-proprjetà u għalhekk għandhom aktar min-nofs mitlub mill-Artikolu 495A tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi s-sehem tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin ishma (22/27) indiviżi tal-intier tal-proprjetà għadda fuq ir-rikorrenti mill-eredità tal-ġenituri tagħhom, u ċjoè minghand it-Tabib Alexander Cachia Zammit li miet fit-30 ta' Lulju, 2014, u mingħand Dolores sive Doris Cachia Zammit li mietet fl-4 ta' Marzu, 2016. Il-ġenituri tar-rikorrenti kien ilhom sidien tas-sehem ta' tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin sehem (22/27) indiviż tal-intier tal-proprjetà sa mis-sena 1980.

5. Illi r-rimanenti sehem ta' ħamsa minn sebgħa u għoxrin sehem (5/27) jinkludi kwalunkwe kwota indiviża u

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, in the records of the Sworn Application number 496/2023HM, which was presented on the 12th May, 2023, in the names: Gambin Kathryn et vs Deputy Curators noe, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap.16.

In the First Hall Civil Court

Kathryn Gambin (ID 68757M), and Notary John Cachia Zammit (ID 482558M)

vs

Deputy Curator for unknown owners in title, to represent successors of the late Angelo Caruana

Application of the plaintiffs Kathryn Gambin et in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta:

Respectfully submit, declare and confirm the following:

1. That the applicants together with unknown owners are co-owners of a house with number ninety two (92) named 'Ġesù Redentur', Triq il-Kbira (sometimes also indicated as Main Street), Żejtun, subject to an annual and perpetual Pius burden of one euro and seventeen cents (€1.17) equivalent to fifty cents of Maltese lira (Lm0.50c), free and unencumbered from any other matter with all its rights and appurtenances as better described in the agreement or rather the preliminary agreement dated 17th March, 2023, attached and marked as 'Document A';

2. That the parties are siblings and have twenty-two out of fifty four (22/54) undivided shares each. This makes them owners of twenty-two out of twenty-seven (22/27) undivided shares of the whole property described herein, as results from the prospectus here attached and marked as 'Document B';

3. That the applicants have twenty-two out of twenty-seven shares (22/27) undivided shares of the whole property and thus have more than half demanded by Article 495A of the Kap.16 of Laws of Malta;

4. That the share twenty-two out of twenty seven shares (22/27) undivided shares of the whole property passed on to the applicants from the inheritance of their parents, and namely from doctor Alexander Cachia Zammit who died on the 30th July, 2014, and from Dolores sive Doris Cachia Zammit who died on the 4th March, 2016. The parents of the applicant had been the owners of the share of twenty-two out of twenty-seven shares (22/27) undivided shares of the whole property since the year 1980.

5. That the remaining share of five out of twenty-seven shares (5/27) includes any undivided and illiquid share of

illikwida tal-proprjetà msemmija li missier ir-rikorrenti aħwa Cachia Zammit, kien xtara u akkwista mingħand Nazzarena Mifsud u oħrajn in forza ta' kuntratt relattiv fl-atti tan-Nutar Dott. Robert Girard tad-19 ta' ta Novembru, 1959, u salv għall-istess kwota indiviża u illikwida fuq imsemmija, il-kumplament tal-ħamsa minn sebgħa u għoxrin sehem (5/27) indiviż huma ta' sidien mhux magħrufa eredi tal-mejjet Angelo Caruana;

6. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li sabu l-bejgħ ta' din il-proprjetà fl-intier tagħha b'konvenju tas-17 ta' Marzu, 2023, li flimkien obbligaw li jbigħu u jittrasferixxu l-proprjetà fuq imsemmija, bl-aċċettazzjoni tal-kompratur li r-responsabbiltà tar-rikorrenti naxxenti minn dan il-konvenju hija limitata għall-imsemmija tnejn u għoxrin minn sebgħa u għoxrin sehem (22/27) indiviż, bil-prezz kif indikat fil-konvenju li huwa prezz ġust u reali skont rapport tal-Perit Karys Schembri datat 10 ta' April, 2023, hawn anness u mmarkat bhala Dokument C;

7. Illi inoltre dan il-bejgħ huwa suġġett li r-rikorrenti jiksbu l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-esekuzzjoni tal-istess konvenju fit-totalità tal-proprjetà inkwistjoni kif maħsuba fl-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi r-rikorrenti qegħdin jannettu l-prospett, li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wiehed minnhom għandu, Dokument B;

9. Dan il-bejgħ mhuwiex ta' preġudizzju għar-rimanenti sidien mhux magħrufa stante li l-prezz tal-bejgħ huwa dak ġust u reali skont is-suq. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha mitluba mill-Artikolu 495A tal-Kap. 16 biex din il-Qorti tawtorizza il-bejgħ tal-proprjetà sħiħa tad-dar bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem ta' 'Ġesù Redentur', Triq il-Kbira (xi drabi wkoll indikata bħala Main Street), Iż-Żejtun;

10. Il-bilanċ mir-rikavat ossija s-sehem ta' ħamsa minn sebgħa u għoxrin sehem (5/27) għandu jiġi depożitat fir-Reġistru tal-Qorti a benefiċċju ta' sidien injoti.

Jgħidu l-intimati prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1. Tordna l-bejgħ tad-dar bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem ta' 'Ġesù Redentur', Triq il-Kbira (xi drabi wkoll indikata bhala Main Street), Iż-Żejtun, kif deskritta aħjar fl-iskrittura ossija l-konvenju tas-17 ta' Marzu, 2023, u taħt il-kundizzjonijiet u pattijiet hemmhekk miftiehma, u/jew taħt il-kundizzjonijiet li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali ta' kuljum;

the property mentioned which the father of the applicant siblings Cachia Zammit, had bought and acquired from Nazzarena Mifsud and others in virtue of a relative contract in the records of Notary Dr Robert Girard of the 19th November, 1959, and saving the same undivided and illiquid share above mentioned, the remaining twenty-five undivided shares (5/27) belong to unknown owners heirs of the late Angelo Caruana;

6. That the applicants declare that they found the sale of this property in its entirety by means of a preliminary agreement of the 17th March, 2023, which together obliged them to sell and transfer the property above mentioned, with the acceptance of the purchaser that the responsibility of the applicants resulting from this preliminary agreement is limited to the said twenty-two out of twenty-seven shares (22/27) undivided shares, at the price as indicated in the preliminary agreement which is a fair and real price according to a report of Architect Karys Schembri dated 10th April, 2023, here attached and marked as Document C;

7. That furthermore this sale is subject that the applicants obtain the permission of this Honourable Court to order the execution of the same preliminary agreement in the totality of the property in question as envisaged in Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

8. That the applicants are attaching the prospectus, which shows the number and value of the shares that each of them has, Document B;

9. These sales are not prejudicial to the remaining unknown owners since the sale price is fair and real according to the market. Thus there exist all the elements demanded by Article 495A of Cap.16 so that this Court authorises the sale of the whole property of the house with number ninety two (92) with the name 'Ġesù Redentur', Triq il-Kbira (sometimes also indicated as Main Street) in Żejtun;

10. The balance of the proceeds or rather the share of five out of twenty-seven (5/27) shares shall be deposited in the Court Registry for the benefit of unknown owners.

The respondents are to state saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised why this Honourable Court should not;

1. Order the sale of the house with number ninety two (92) with the name 'Ġesù Redentur', Triq il-Kbira (sometimes also indicated as Main Street), Żejtun as better described in the agreement or rather the preliminary agreement of the 17th March, 2023, and under the conditions and terms therein agreed, and/or under the conditions that this Honourable Court deems fit to impose;

2. Order the Registrar of Courts to publish a copy of the application in the Government Gazette and a local daily newspaper;

3. Tinnomina lin-Nutar Dott. Sam Abela, jew nutar ieħor sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u jagħmel kwalunkwe att u/jew applikazzjoni oħra neċessarja jew aċċessorja;

4. Tistabbilixxi jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun;

5. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw eventwali kontumaċja fuq l-att tal-bejgħ u/jew fuq kwalunkwe att u/jew applikazzjoni oħra neċessarja jew aċċessorja;

6. Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċessarji u opportuni skont iċ-ċirkustanzi.

L-Av. Edward DeBono, 198, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta
L-Av. Maria Camilleri 198, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta
Il-P.L. Katrina Zammit Cuomo

List ta' Dokumenti
Dokument A: Konvenju datat 17 ta' Marzu, 2023
Dokument B: Prospett
Dokument C: Rapport tal-Perit Karys Schembri datat 10 ta' April, 2023

L-Av. Edward DeBono, 198, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta
L-Av. Maria Camilleri, 198, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta
Il-P.L. Katrina Zammit Cuomo

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Settembru, 2024, fld-9.00 a.m.

Notifika Intimati: Kuraturi Deputati noe, Il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awwissu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Nominates Notary Dr Sam Abela, or another notary to publish the opportune deed of transfer and make any other necessary or ancillary deed and/or application;

4. Fix a day, time and place for the publication of the opportune notarial deed;

5. Appoint deputy curators to represent the eventual defaulter on the deed of sale and/or on any other necessary or ancillary deed and/or application;

6. Give such orders as may be deemed necessary and opportune according to the circumstances.

Adv. Edward Debono, 198, Triq l-Ifran, Valletta
Adv. Maria Camilleri, 198, Triq l-Ifran, Valletta
P.L. Katrina Zammit Cuomo

List of documents
Document A: Promise of sale dated 17th March, 2023
Document B: Prospectus
Document C: Report of Architect Karys Schembri dated 10th April, 2023

Adv. Edward Debono, 198, Triq l-Ifran, Valletta
Adv. Maria Camilleri, 198, Triq l-Ifran, Valletta
P.L. Katrina Zammit Cuomo

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 26th September, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondents: Deputy Curators noe, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 29th August, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1949

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' April, 2024, mill-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1296/2022, fl-ismijiet Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Jesmond Tonna ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jesmond Tonna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1296/2022 ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet Elmo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc u bħala ċessjonarja tal-Porfolio estera Sun Alliance u London Insurance u bħala tali fil-polza u fil-

By means of a decree of the 18th April, 2024, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Garnishee Order number 1296/2022 in the names Elmo Insurance Agency Limited noe vs Jesmond Tonna, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Jesmond Tonna in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the records of the Garnishee Order number 1296/2022 in the First Hall of the Civil Court, in the names Elmo Insurance Agency Limited in the name and in representation of the foreign company Royal and Sun Alliance Insurance plc and as assignée of the foreign Porfolio Sun Alliance and London Insurance and as such in the policy

liġi fid-drittijiet tal-assikujrat tagħha Carmelino sive Lino Vella u l-istess Lino Vella u b'nota tas-6 ta' Mejju, 2004, il-kumpanija Elmo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok Elmo Insurance Agency Limited vs Jesmond Tonna (KI 35974M), fil-31 ta' Lulju, 2023, ir-rikorrenti Elmo Insurance Limited talbet bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti (1) tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2022 u (2) jordna l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv bin-numru 1296/2022 fuq imsemmi bl-imgħax mid-data tas-sentenza kif mirija fil-prospett anness mal-mandat.

Bl-ispejjeż tal-preżenti

Qorti Prim'Awla

Imħallef: l-Onor Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1296/2022

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Elmo Insurance Limited tal-31 ta' Lulju, 2023,

Tordna notifika lill-konvenut b'ġimgħa għar-risposta.

Illum 2 ta' Awwissu, 2023

Notifika: Jesmond Tonna, Qawra Towers, Flat 16, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and at law in the rights of its insured Carmelino sive Lino Vella and the same Lino Vella and by a note of the 6th May, 2004, the company Elmo Insurance Limited to assume the records of the cause instead of Elmo Insurance Agency Limited vs Jesmond Tonna (ID 35974M) on the 31st July 2023, the applicant Elmo Insurance Limted respectfully requested this Honourable Court to: (1) revoke contrario imperio its decree of the 12th October 2022 and (2) order the execution of the executive garnishee order with number 1296/2022 above mentioned with interest from the date of the judgement as shown in the attached statement attached to the warrant.

With costs of the present

In the First Hall of the Civil Court

Judge: Hon. Chief Justice Mark Chetcuti, LLD

In the acts of the garnishee order number 1296/2022

The Court,

Saw the application of Elmo Insurance Limited of the 31st July, 2023,

Order the notification to the respondent with one week to file a reply.

Today 2nd August, 2023

Notification: Jesmond Tonna, Qawra Towers Flat 16, Triq il-Qawra, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 30th August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1950

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-31 ta' Lulju, 2024, fuq talba ta' Malcolm Pace ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejjet Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, fl-atti tar-Rikors numru 1146/2013MH, fl-ismijiet Malcolm Pace vs Dott. Carmelo Mifsud Bonnici u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Malcolm Pace vs Dott. Carmelo Mifsud Bonnici pro et noe, ippreżentat fid-29 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrenti Malcolm Pace talab bir-rispett lil din l-Onorabbli

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 31st July, 2024, following a request of Malcolm Pace it was ordered that deputy curators be chosen to represent the interest of the late Dr Carmelo Mifsud Bonnici , in the records of the Application 1146/2013MH, in the names Malcolm Pace vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Malcolm Pace vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici pro et noe, on the 29th July, 2024, the applicant Malcolm Pace requested with respect this Honourable

Qorti sabiex toħroġ bandu għall-ħatra ta' kuraturi ad litem sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejjet fil-kawża Rikors Ġuramentat 1146/2013MH u kif ukoll fil-kawża 520/77MH skont il-Kap. 12.

Atturi: 35, Vjal Sir Temi Zammit, Ta' Xbiex

Notifika: Kuraturi deputati, Il-Qorti

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġġaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija biex xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 31 ta' Lulju 2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court to issue banns for the appointment of curators ad litem to represent the interests of the deceased in the Sworn Application 1146/2013MH as well as in the cause 520/77MH according to Cap 12.

Applicant: 35, Vjal Sir Temi Zammit, Ta' Xbiex

Notification: Deputy curators, Law Courts

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Jusice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 31st July 2024

Registry of the Superior Courts, today 30th August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1951

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Awwissu, 2023, fuq talba ta' Carmel Abela et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw liċ-ċenswalist/i mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1638/2023 fl-ismijiet Carmel Abela et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożtu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1638/2023 fl-ismijiet Carmel Abela (KI 682258M), direttur, bin John Abela u Annetta née Pace, imwieled Tal-Pietà fil-25 ta' Ottubru, 1958, u residenti numru 2, Alfaville, Triq Carmelo Pace, l-Iklin u martu Leeann Abela (KI 105272M) mara tad-dar, bint John Mamo u Georgina née Vella, imwielda Tal-Pietà fl-24 ta' Jannar, 1972, u residenti numru 2, Alfaville, Triq Carmelo Pace, L-Iklin vs Kuraturi Deputati, fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-8 ta' Awwissu, 2023,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 9th August, 2023, following a request by Carmel Abela vs deputy curators to represent the unknown emphyteuta/ae in the records of the schedule of deposit number 1638/2023 in the names Carmel Abela vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1638/2023 in the names of Carmel Abela (ID 682258M), director, son of John Abela and Annetta née Pace, born in Tal-Pietà on the 25th October, 1958, and residing at number 2, Alfaville, Triq Carmelo Pace, Iklin and his wife Leeann Abela (ID 105272M) house wife, daughter of John Mamo and Georgina née Vella, born in Tal-Pietà on the 24th January, 1972, and residing at number 2, Alfaville, Triq Carmelo Pace, Iklin vs Deputy Curators, filed in the

fejn Carmel Abela (KI 682258M) and Leeann Abela (KI 105272M) esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Francis Micallef, tas-16 ta' Novembru, 1993, l-esponenti Carmel Abela akkwista art magħrufa bħala Tal-Babaw, fil-kontrada Tas-Simblija sive Tal-Iklin, limiti tan-Naxxar/Ħal Lija, li kien fiha kejl ta' 2,450mk fuq liema art illum l-esponenti bnew id-dar residenzjali tagħhom u dar oħra;

Illi l-art inkwistjoni hija suġġetta għal ċens annwu u perpetwu (pis piju) ta' 1 lira Maltija, ekwivalenti għal €2.33 li jitħallsu lill-intimat, iżda liema intimati mhux magħrufa;

Iċ-ċens annwu u perpetwu ta' mitt lira Maltija għall-istess art kien mifdi permezz ta' ċedola umru 844/2016;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija mill-liġi billi jifdu dan iċ-ċens perpetwu a tenur tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet a' Malta (Kodiċi).

Illi l-ammont ta' €2.33 kapitalizzat bir-rata ta' 5%, kif stipulat fl-istess liġi jammonta għal €46.60;

Illi minbarra s-su espost, l-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw l-aħħar ħames snin ċens li jammonta għal €11.65;

Għaldaqstant, l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-somma ta' €58.25 fidi tal-imsemmi ċens u arretrati biex tiġi mogħtija liberament lill-intimat wara li jħallu d-debita riċevuta.

Esponenti: Numru 2, Alfaville, Triq Carmelo Pace, L-Iklin

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Registratur tal-Artijiet, Triq il-Punenet, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

First Hall of the Civil Court on the 8th August, 2023, the applicants Carmel Abela (ID 682258M) and Leeann Abela (ID 105272M) respectfully submitted:

That by means of a contract in the records of Notary Doctor Francis Micallef, of the 16th November, 1993, the interpellant Carmel Abela acquired land known as Tal-Babaw, in the vicinity of Tas-Simblija sive Tal-Iklin, limits of Naxxar/Ħal Lija, of an area of 2,450 square meters on which land today the applicants built their residential home and another house;

That the land in question is subject to the annual and perpetual groundrent (pis pius) of 1 Maltese lira, equivalent to €2.33 which are paid to the respondent, but which respondents are not known;

The annual and perpetual groundrent of one hundred Maltese liri for the same land was redeemed by means of schedule of deposit number 844/2016;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by law by redeeming this perpetual groundrent in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta (Civil Code).

That the amount of €2.33 capitalised at the rate of 5%, as stipulated in the same law amounts to €46.60;

That apart from the above, the applicants are also depositing the last five years groundrent which amounts to €11.65;

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €58.25 redemption of the said groundrent and arrears to be freely given to the respondent after leaving the due receipt.

Applicants: Number 2, Alfaville, Triq Carmelo Pace, Iklin

Notification: Director Public Registry, Valletta
Registrar of Lands, Triq il-Punenet, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta' Awwissu, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph R. Micallef, LLD, Doctor of Laws.

Today 9th August, 2023

Registry of the Superior Courts, today 30th August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1952

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Lulju, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, fl-atti rikors numru 4/2024 (JVC) fl-ismijiet 'Rose sive Marisa Tabone et versus l-Avukat tal-Istat et' ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fit-8 ta' Marzu, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Anna Mercieca bl-indirizz 106, 'Pet House', Triq id-Duluri, Il-Ħamrun, Malta, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

Rikors numru 4/2024

Rose sive Marisa Tabone ta' 'Mulberry', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-identità numru 757655M, u Patricia Borg ta' 'Springvale', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 140357M

vs

L-Avukat tal-Istat u Maria Anna Mercieca ta' 106, Pet House, Triq id-Duluri, Ilk-Ħamrun, Malta, detentriċi tal-karta tal-identità numru 1966G

Rikors ta' Rose sive Marisa Tabone ta' 'Mulberry', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 757655M, u Patricia Borg ta' 'Springvale', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 140357M.

Jesponu bir-rispett:

Illi r-rikorrenti Rose sive Marisa Tabone hija llum proprjetarja tal-fond bin-numru mija u sitta (106) bl-isem 'Pet House', fi Triq id-Duluri, Il-Ħamrun, Malta;

Illi din id-dar tinsab okkupata b'titolu ta' kera minn Maria Anna Mercieca, liema kirja hija waħda protetta taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi sa din is-sena l-intimata Maria Anna Mercieca kienet qiegħda tikri l-imsemmija proprjetà hawn fuq imsemmija

It is hereby notified that by means of a decree issued on the 8th of July, 2024, issued by the First Hall of the Civil Court, Constitutional Matter, in the acts application number 4/2024 (JVC) in the names 'Rose sive Marisa Tabone et versus L-Avukat tal Istat et' filed in the Registry of the said Court on 8th of March 2024, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification with regard the respondent Maria Anna Mercieca with address at 106, 'Pet House', Triq id-Duluri, Ħamrun, Malta, and this is in terms of article 187(3) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court (Constitutional Matter)

Application number 4/2024

Rose sive Marisa Tabone of 'Mulberry', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Gozo, holder of identity card number 757655M, and Patricia Borg of 'Springvale', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Gozo, holder of the identity card number 140357M

vs

The State Advocate and Maria Anna Mercieca of 106, Pet House, Triq id-Duluri, Ħamrun, Malta, holder of identity card number 1966G

Application by Rose sive Marisa Tabone of 'Mulberry', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Gozo, holder of identity card number 757655M, and Patricia Borg of 'Springvale', Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem, Gozo, holder of identity card number 140357M.

Respectfully premise:

That the claimant Rose sive Marisa Tabone is today the owner of the premises numbered one hundred and six (106) called 'Pet House', in Triq id-Duluri, Ħamrun, Malta;

That this house is occupied by title of lease by Maria Anna Mercieca, which lease is protected under Chapter 69 of the Laws of Malta;

That until this year the respondent Maria Anna Mercieca was renting the aforementioned property for a rent of

versu l-kera ta' erbgħin lira Maltin (Lm 40) pari għal tlieta u disgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17) fix-xahar;

Illi l-esponenti Rose sive Marisa Tabone pproċediet permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Rose sive Marisa Tabone vs Maria Anna Mercieca, f'liema proċeduri irriżulta li l-imsemmija intimata Maria Anna Mercieca ma tikkwalifikax għat-test tal-mezzi u għalhekk għandha tibqa' fl-imsemmija proprjetà sal-21 ta' Marzu, 2025;

Illi l-proprjetà hija stmata madwar mitejn u tletin elf ewro (€230,000) u huwa stmat li l-imsemmija proprjetà tinkera versu l-kera ta' elf ewro (€1,000) fix-xahar hekk kif jidher mill-istima hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi qabel ma l-proprjetà ġiet assenjata lill-esponenti Rose sive Marisa Tabone, din din kienet proprjetà f'ishma indaqs u indiviżi bejniethom taż-żewġ rikorrenti flimkien u ċjoè Rose sive Marisa Tabone u Patricia Borg. Il-proprjetà fil-fatt ipperveniet lill-esponenti mill-wirt u suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom James John Formosa u Petronella Formosa;

Illi minkejja li kif hawn spjegat, minħabba l-liġijiet tal-kera taħt il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti Rose sive Marisa Tabone għadha prekluża milli tiddisponi mill-proprjetà tagħha liberament u dan stante li l-istess kirja xorta waħda għadha kkunsidrata bħala waħda protetta. Fil-fatt ai termini tal-istess liġi, f'każ li l-inkwilin ma tikkwalifikax għat-test tal-mezzi, il-Bord għandu jagħti deċiżjoni li jippermetti lill-kerrej żmien ta' sentejn (2) sabiex id-dar ta' abitazzjoni tiġi vakata. F'dan is-sens kien sar ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimata Mercieca li tibqa' tirrisjedi għal żmien sena minflok sentejn b'dan li l-kera tibqa' dik kurrenti – dan kollu sabiex l-esponenti Tabone terġa' takkwista l-pussess tal-proprjetà tagħha;

Illi apparti hekk, jingħad li minn meta entrambi r-rikorrenti akkwistaw il-proprjetà, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom fit-tgawdija tal-proprjetà konsistenti wkoll f'telf ta' kirja ġusta għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, l-esponenti Tabone ġiet prekluża wkoll milli tiżviluppa l-proprjetà bil-mod li kien jidhrilha u għalhekk komplew jiġu leżi d-drittijiet tal-istess rikorrenti;

Illi għalhekk huwa ċar li minħabba dan l-istat tal-pożizzjoni legali f'Malta qed ikun hemm interferenza fid-dritt tal-esponenti li jgawdu l-possedimenti tagħhom;

Illi jingħad ukoll li l-inkwilina qed issib protezzjoni tal-liġi u għalkemm skont il-liġi, il-Gvern għandu dritt li jikkontrolla l-użu ta' proprjetà, l-esponenti jtennu li fiż-żminijiet tal-lum għandu jkun hemm suq liberu u għandu jkun is-suq li jiddetta u jirregola sitwazzjonijiet simili. Dan kollu wkoll fid-dawl tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea;

forty Maltese Lira (Lm 40) equal to ninety-three euro and seventeen cents (€93.17) per month;

That the applicant Rose sive Marisa Tabone proceeded through an application before the Rent Regulation Board in names Rose sive Marisa Tabone vs Maria Anna Mercieca, in which proceedings it resulted that the said respondent Maria Anna Mercieca does not qualify for the means test and therefore shall remain in said property until the 21st of March, 2025;

That the property is valued at approximately two hundred and thirty thousand euro (€230,000) and it is estimated that the said property could be rented at a rent of one thousand euro (€1,000) per month as can be seen from the estimate herewith attached and marked as Doc. A;

That before the property was assigned to the applicant Rose sive Marisa Tabone, this property was owned jointly in equal and undivided shares between the two claimants namely Rose sive Marisa Tabone and Patricia Borg. The property actually devolved on the applicants from the inheritance and succession of their parents James John Formosa and Petronella Formosa;

That even though as explained here, due to the rent laws under Chapter 16 of the Laws of Malta as well as under Chapter 69 of the Laws of Malta, the claimant Rose sive Marisa Tabone is still precluded from disposing of her property freely and this given that the same lease is still considered as a protected one. In fact, under the terms of the same law, in case the tenant does not qualify for the means test, the Board must give a decision to allow the tenant a period of two (2) years so that the house of dwelling becomes vacant. In this sense, an agreement was made between the applicant and the respondent Mercieca that she will continue to reside for a period of one year instead of two years with the rent remaining the current one – all this so that the applicant Tabone can reacquire the possession of her property;

That apart from that, it is stated that since both claimants acquired the property, their fundamental rights in the enjoyment of the property have been infringed also in the loss of fair rent for the premises object of these proceedings. In addition, the applicant Tabone was also prevented from developing the property in the way she saw fit and therefore the rights of the claimant continued to be violated;

That therefore it is clear that due to this state of the legal position in Malta there is interference in the right of the applicants to enjoy their possessions;

That it also has to be said that the tenant is finding the protection of the Law and although according to the Law, the Government has the right to control the use of property, the applicants reiterate that in at the present time there should be a free market and it should be the market that dictates and regulates similar situations. All this also in light of Malta's membership in the European Union;

Illi konsegwentement, l-indħil tal-Istat għandu jkun limitat il-għaliex tali kontroll u restrizzjonijiet imposti mil-Liġi huma eċċessivi u oneruż żżejjed fuqhom u għalhekk mhumiex iktar aċċettabbli li jibqgħu jseħħu fuq kirjiet li ġew fis-seħħ qabel Ġunju, 1995, bħalma hu l-każ odjern;

Illi għalhekk qed isseħħ leżjoni għad-dritt tagħhom li jgawdu l-possedimenti tagħhom kif sanċit fl-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali – Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dan huwa aggravat bil-fatt li lanqas ma għandhom rimedju ordinarju xieraq, opportun u effettiv sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni u b'hekk qed jiġu leżi d-drittijiet tagħhom kif sanċiti fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali – Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jitolbu li l-intimati jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li minħabba l-premess qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-ewwel Protokol, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;

2. Tagħti rimedju xieraq u effettiv konsistenti fil- u mhux limitat għal:

a. Ħlas ta' danni kemm pekunjarji għal-leżjonijiet imsemmija, u

b. Ħlas ta' danni nonpekunjarji għal-leżjonijiet imsemmija;

3. Tiddikjara li l-intimata Maria Anna Mercieca bħala inkwilina ma tistax tibqa' tistrieħ fuq il-protezzjoni tal-Kap. 69 u tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kemm fejn jirrigwarda 'tenure' kif ukoll fejn jirrigwarda valur tal-kera;

4. Tiddikjara li s-sid Rose sive Marisa Tabone m'għandhiex tibqa' marbuta u tenuta li tħalli lill-inkwilina tagħha tibqa' tgawdi protezzjoni imma hija għandha titqies li hija libera li tinnegozzja mal-inkwlina dwar it-terminu li fih għandu jiġi ritornat lura liha l-pussess vakanti tal-fond mikri;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

(iffirmat) l-Avukat Joshua Grech

Il-kawża hija differita għat-30 ta' Ottubru, 2024, fl-10.05 a.m, fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 5 ta' Awwissu, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

That consequently, the interference of the State should be limited because such control and restrictions imposed by the Law are excessive and overly onerous on them and are therefore no longer acceptable to continue to occur on leases that came into force before June 1995, as is the present case;

That therefore a breach is occurring in their right to enjoy their possessions as enshrined in Article 1 of the first Protocol of the European Convention on Fundamental Rights – Chapter 319 of the Laws of Malta;

That this is aggravated by the fact that they do not even have an appropriate, opportune and effective ordinary remedy to remedy the situation and thus their rights are being violated as sanctioned in Articles 6 and 13 of the European Convention on Rights Fundamentals – Chapter 319 of the Laws of Malta;

Therefore, the applicants are humbly requesting that the respondents state why this Honourable Court should not:

1. Declare that because of the abovesaid, the fundamental rights of the applicants as sanctioned in Article 1 of the first Protocol, Article 6 and Article 13 of the European Convention on Fundamental Rights are being violated;

2. Provide an appropriate and effective remedy consistent in and not limited to:

a. Payment of monetary damages for said breaches, and

b. Payment of non-pecuniary damages for said breaches;

3. Declare that the respondent Maria Anna Mercieca as a tenant can no longer rely on the protection of Chapter 69 and of Chapter 16 of the Laws of Malta both where it relates to 'tenure' as well as where it relates to rental value;

4. Declare that the owner Rose sive Marisa Tabone should not remain bound and obliged to let her tenant continue to enjoy protection but she should be considered free to negotiate with the tenant regarding the term in which it should be returned back to her the vacant possession of the rented premises;

With the costs against the respondents who are as of now subpoenaed to their oath.

(signed) Advocate Joshua Grech

The case is put off to the 30th of October, 2024, at 10.05 am, in the building of the Court of Gozo, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 5th of August, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*